SANNAT

Minuti ta’ raba’ laqgħa tas-sebgħa leġislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Erbgħa, 5 ta’ Awwissu ta’ 2009 fis-6.00 ta’ filgħaxija.

| Preżenti: | Il-Membri |
|---|---|
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi-Sindku | Anthony Merċieċa |
| | Guda Taddeus Bajada |
| | Manuel Tabone |
| | Joseph Bajada |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

60 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru tnejn li saret fil-10 ta’ Lulju u tal-laqgħa numru tlieta li saret fil-15 ta’ Lulju 2009.

**Item 2. Mill-Minuti**

61 *(para.18)* Dwar il-ħruġ tal-offerta għall-manutesjoni tas-Street Lighting, il-Kunsill qabel li jidħol fil-pooling.

62 *(para. 21)* Is-Sindku attenda għas-seminar tal-Wirt Kulturali u l-Att tal-Kurazija li sar f’Malta.

63 *(para. 29)* Ġew iffirmati l-kuntratti tal-proġetti konċernati tal-Urban Improvement Funds tal-fanali ta’ Triq Sannat u ta’ tieni fażi ta’ Triq it-28 ta’ April 1688 mal-MEPA fl-uffiċċju tagħhom.

64 *(para. 31)* Dwar it-tarmak fi Triq Falkun, il-Kunsillier, Manual Tabone saqsa x’ġara eżatt dwar l-għoti tat-tarmak għaliex fil-leġislatura ta’ qabel kien hemm approvat li tingħata kisja ta’ 50mm bil-*hot rolled asphalt* fi Triq il-Blat, Triq V. Caruana Spiteri u Triq Falkun. Is-Segretarju kkonferma dan u qal li meta kien qed jingħata l-ewwel kisja bil-*cold hot rolled asphalt* fi Triq il-Blat, ċempel lil Mario Gatt ta’ Gatt Tarmac Ltd. li t-toroq għandhom jingħataw kisja waħda kif hemm approvat mill-Kunsill ta’ qabel u ordnat bil-miktub fil-11 ta’ Frar 2009 u fit-18 ta’ Mejju 2009. Apparti hekk fl-aċċettazjoni datata l-1 ta’ Diċembru 2008


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

kellu miktub li jrid jagħti kisja waħda ta' 50mm bil-*hot rolled asphalt* fi Triq il-Blat, Triq V. Caruana Spiteri. Għal xi raġuni l-kuntrattur ta żewġ kisjiet ta' 50mm fi Triq il-Blat, Triq V. Caruana Spiteri bil-konsegwenza li ma hemmx flus sabiex jingħata l-*hot rolled asphat* fi Triq Falkun. Is-Segretarju semma li l-kuntrattur għamel ir-rampi tal-garaxxijiet bil-hot rolled asphalt. Il-Kunsill għandu jara għaliex il-kuntrattur għamel dan u mhux kif ordnat mill-Kunsill.

65 *(para. 34)* L-ADT approvat it-talba tal-Kunsill li t-Triq Kalati kollha tkun *No Parking.*

66 *(para. 35)* Nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Lulju 2009 saret il-laqgħa flimkien mal-Action Committee tal-Mġarr ix-Xini Regional Park. Preżenti mill-Kunsill kien hemm is-Sindku u s-Segretarju. Ingħatat informazzjoni dwar l-aħħar żviluppi dwar l-iskavi ta' Għar ix-Xiħ fejn ġew infurmati li x-xogħol ser jitkompla s-sena d-dieħla meta għandu jiġi konkluż u joħroġ rapport dwar l-iskavi li saru. Dwar l-Interpretation Centre ġie propost li dan isir f'Ta' Blankas, ix-Xewkija fejn hemm żewġ kmamar antiki. Hawnhekk ser jitpoġġew is-sejbiet li nstabu fl-iskavi li saru. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mal-Kunsill Lokali Xewkija u l-Action Committee jekk possibli fis-16 ta' Settembru 2009 fis-7.00 p.m. fl-uffiċċju tal-Kunsil Lokali Sannat fejn jiġi diskuss l-*Interpretation Centre*. Issemmiet ukoll il-pompa l-antika tal-ilma li hemm fil-wied. Għal dan il-Action Committee il-Kunsill għad irid jaħtar r-rappreżentanti tiegħu.

67 *(para. 38)* Il-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Chris Said ser issir nhar il-Ħamis, 3 ta' Settembru fil-10.00 a.m.

68 *(para. 39)* Il-kumpanija Waste Serv Ltd. ġew ikkuntatjati u għandha l-laqgħa ssir fis-24 ta' Awwissu fil-10.00a.m. fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jistaqsi min ġej għal din il-laqgħa.

69 *(para. 41)* Is-Sindku kiteb lura lis-Sindku ta' Pisoniano fejn feraħlu u stiednu sabiex fil-futur qarib jiltaqgħu ma xulxin.

70 *(para. 45)* Il-ħaddiema tal-IPSL ser jibdew bil-pooling fil-ġimgħat li ġejjin. Dawn għandhom jibdew billi jibnu l-ħajt li hemm imwaqqa fi Triq Mġarr ix-Xini.

71 *(para. 46)* Dwar l-Iskemi ta' Kompetizzjonijiet organizzati mis-Segretarjat għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, il-Kunsill daħal għal *Local Council Green Challenge Award* permezz tal-Promenade ta' Triq it-28 ta' April 1688. Għal din it-triq, il-Kunsill għandu jixtri numru ta' pots biex jitpoġġew fuq il-bollards tal-konkos.

## Item 3. Korrispondenza

72 Memo 46/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar ftuħ tal-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill nhar ta' Sibt. Bħala parti mir-riforma tal-Kunsilli Lokali, l-uffiċini amministrattivi tal-Kunsilli kollha ser jibdew jiftħu nhar ta' Sibt bejn it-8.00 u l-11.30 ta' filgħodu biss. L-għan ewlieni ta' din il-miżura hi biex il-kunsilli tassew iservu ta' Front Office fejn ikunu jistgħu jsiru ħlasijiet ta' multi, ilmenti jinħarġu permessi u ġbir ta' formoli. L-impjegati tal-kunsilli, jekk iridu, ser jintalbu volantarjament jekk iridux jidħlu jaħdmu nhar ta' Sibt. L-impjegati jekk dejjem ikunu lesti jidħlu jaħdmu s-Sibt għandhom jingħataw din l-ġurnata bħala overtime jew time *off-in-lieu* skont kif jitlob l-impjegat. Is-Segretarju Eżekuttiv jista' wkoll jagħżel li

SANNAT

jaħdem is-Sibt u jkun intitolat biss għall-time off in lieu. F'kas li ħadd ma jaċċetta l-Kunsill ikollu dritt li jimpjega persuna fuq bażi part-time u jinforma lid-Dipartiment dwar dan biex tinġieb l-awtorizzazzjoni mill-ETC. Kull deċiżjoni (sew fl-affermattiv kif ukoll fin-negattiv) tal-impjegat u /jew is-Segretarju Eżekuttiv għandha tkun bil-miktub. Il-Kunsill għandu javża lid-Dipartiment tal-25 ta' Settembru 2009.

73 Memo 47/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fil-5 ta' Awwissu ser tiġi mnidija "Kampanja ta' Tindif għal Kunsilli Lokali" li ser tkun kompetizzjoni għall-aktar lokalita' nadifa f'Malta u Għawdex fix-xahrejn t' Awwissu u Settembru. Hu maħsub illi l-kompetizzjoni tkun ibbażata fuq punti li jingħataw għal:

1. Indafa ġenerali fit-toroq u postijiet pubbliċi.
2. Indafa u żamma fi stat tajjeb ta' latrini pubbliċi, ġonna u playing fields.
3. Kampanja ta' edukazzjoni fost ir-residenti.
4. Involviment tal-għaqdiet volotarji.
5. Sistema ta' ġbir ta' skart u separazzjoni tal-iskart.

Għandhom ssiru spezzjonijiet mill-*field branch* tad-dipartiment.

74 Ittra mill-KIP Għawdex dwar il-ġbir ta' l-iskart fil-festa ta' Santa Marija li ser taħbat is-Sibt. Huma pproponew li dak inhar ma jsirx ġbir ta' skart. Min-naħa tal-Kunsill intalab biex il-ġbir isir il-Ħadd. Il-Kunsill għandu jagħmel avviż waqt il-quddies tal-Ħadd.

75 Ittra dwar l-*Steering Committee tal-Youth Participation - Lets get together"* li sar is-sena l-oħra. Il-parteċipanti ġew mitluba jimlew il-materjal neċessarju biex ma jintilfux il-flus tal-E.U.

76 Nhar it-Tlieta, 25 ta' Awwissu ser isir seminar f'Dar l-Europa fi Triq San Pawl dwar Quiz li ser jiġi organizat minn *Where is Everybody* rigward temi dwar l-E.U. policies u general knowledge tal-E.U.

77 Ittra mid-Direttorat għat-tagħlim tul il-Ħajja dwar korsijiet fil-letteriżmu bażiku. Żmien hemm sal-aħħar ta' Awissu. Il-Kunsill qabel li jipprova jorganizza dawn il-korsijiet fil-lokal.

78 Ittra li hemm sejħa għall-*standard projects* taħt *ENPI CBC MED programme* u jagħlqu fis-16 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li jagħmel laqgħa dwar dawn il-proġetti mal-uffiċċju konċernat.

79 Għal darba oħra l-Premju ż-Żagħżugħ/a tas-Sena 2009 ġie imniedi mill-OASI. In-nominazzjonijiet jagħlqu fit-12 ta' Awwissu 2009.

80 Il-MEPA bagħtu kopja tar-rakkomandazzjoni tagħha li t-talba PA03155/09 għal stallel fl-inħawi tal-Lewż tiġi rifjutata.

81 Ittra minn Bajada Group dwar il-proġetti *energy saving* fejn huma offrew is-servizzi tagħhom.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

82 Il-MEUSAC talbu lill-Kunsill sabiex l-Erbgħa, 18 ta' Awwissu 2009 bejn is-7.30 u 10.15 jitħalla spazju fil-pjazza biex ikun possibli li l-*mobile vehicle* tipparkja hemm bħala parti mill-program L-Ewropa fil-Pjazza.

83 Ittra dwar il-Premju Anzjan tas-Sena 2009. Nominazzjonijiet jagħalqu fid-9 ta' Settembru 2009.

84 Nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Awwissu ser issir sessjoni ta' Informazzjoni dwar il-Kuntratt tal-Ġbir tal-Iskart Domestiku, f'Malta għas-Segretarji Eżekuttivi.

85 Fis-6 ta' Awwissu ser tinżamm attivita' fil-Kunsill Lokali ta' l-Għasri imssejjħa "Il-ktieb il-pass il-bogħod minnek" fid-9.00 a.m. Ser jingħataw xi kotba kif ukoll xi flus biex jinxtraw il-kotba. Għandhom ikunu preżenti l-Ministru għal Għawdex u s-Segretarju Parlamentari għal Kunsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni.

86 Is-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said għandu jżur l-iskavi li qed isiru fil-wied ta' Mġarr ix-Xini nhar il-Ħamis, 6 ta' Awwissu wara l-laqgħa li ser issir fil-Kunsill Lokali tal-Għasri.

87 L-ADT ser torganizza laqgħa fis-7 ta' Awwissu f'Dar il-Mediterran dwar is-saħħa u sigurta', il-kwalita', fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet u l-immanigjar tat-traffiku waqt xogħlijiet fit-toroq.

88 Il-Kumitat Konġunt tal-*Street Lighting* irid risposta sa 7 ta' Awwissu jekk il-Kunsill Lokali Sannat hux ser jidħol fil-*pooling*. Il-Kunsill qabel jidħol fil-*pooling* mal-Kunsill l-oħra Għawdxin.

89 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tinqara waqt il-laqgħa tal-Kunsill dwar l-attendenza għas-seminars li saru fejn attendew erbgħa kunsilliera biss.

90 Ittra mill-Bord tal-Evaluazzjoni dwar l-*Skema Energy Saving* fejn il-Kunsill kien applika għall-*voltanic pannels* fuq il-bejt tal-Kunsill. Il-Kunsill ġie mitlub jagħti d-data ta' meta ser jibda l-proġett. Għal dan il-proġett, kienu ġew approvati €2,330 lill-Kunsill mill-Bord tal-Evaluazzjoni. Il-bord għandu jiġi nfurmat li l-Kunsill għadu interessat fil-proġett, imma jista jibda wara li jkun lest l-uffiċċju amministrattiv fejn ser jitpoġġew dan il-*voltanic pannels*.

91 L-Assoċjazjoni tal-Kunsilli Lokali ser torganizza laqgħa għall-Kunsilleri ta' Malta u Għawdex nhar is-Sibt, 5 ta' Settembru 2009 fid-Dolmen Hotel, Buġibba bir-reġistrazzjoni tibda fid-9.00 a.m.

92 Il-MEPA irċiviet applikazzjoni 03155/09 ta' John Cauchi għal Open Storage ta' inġenji kbar fi Triq tal-Lewż.

**Item 4. Indafa Pubblika**

93 Dwar l-indafa fil-lokal intqal li fiż-żoni mhux urbani qed ikun hemm ħafna ħmieġ. Il-ħaddiema tal-*Community Works Scheme* ser jintbgħatu n-nadfu dawn it-toroq. Dwar l-open skips li hemm fi Triq id-Daħla taċ-Ċnus ġie nnutat li qed jinxeħet ħafna skart madwarhom meta jkunu mimlijin, kif ukoll qed jintefa anki skart meta ma jkunx hemm l-open skips. Ġie

nnutat ukoll li qed jiġu nies minn barra l-lokal jarmu f'dawn l-open skips. Il-Kunsill qabel li jneħħi dawn l-open skips għal diversi raġunijiet oħra fosthom:

(1) Li issa l-Waste Serv Malta Ltd. fetaħ is-Civic Amenity Site b'xejn fejn jista' jinxeħet kull tip ta' skart f'Tal-Kus, ix-Xewkija.

(2) Biex it-Triq id-Daħla taċ-Ċnus tiġi miżmuma nadifa u jsiru embellishment tas-sit.
(3) Il-flus li kienu jintefqu għal dawn il-opens skips jintużaw għal skop iktar għaqli biex wara d-Daħla taċ-Ċnus bl-istess flus jiġu *embellished* postijiet oħra.

Dawn ser jitneħħew hekk:

Mill-1 ta' Settembru 2009 ser jitneħħew l-Open Skips ta' nhar ta' Erbgħa.
Mill-1 ta' Ottubru 2009 ser jitneħħew dawk ukoll ta' nhar ta' Sibt.

Għandha tinkiteb ittra lir-residenti ta' Sannat sabiex jiġu nfurmati b'din id-deċiżjoni tal-Kunsill fejn jingħad ukoll li l-Kunsill ser jidħol fil-kompetizzjoni "Kampanja ta' Tindif għal Kunsilli Lokali" li qed tiġi imnedija mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni.

**Item 5. Skema Inizjattivi ta' Attivitajiet għas-sena 2010**

94 Il-Kunsill qabel li jieħu sehem fl-Iskema ta' Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010 li ser iniedi il-Gvern Ċentrali skond Memo 42/2009 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Permezz ta' din l-inizjattiva ser tingħata għajnuna lill-Kunsilli Lokali sabiex jorganizzaw attivitajiet fil-lokalita' tagħhom. Dawn attivitajiet jistgħu jkunu fost oħrajn, jippromwovu attivitajiet tradizzjojnali u t-tisħiħ u l-għajnuna lill-artisti lokali. Il-Kunsill qabel li jorganizza Attivita ta' Logħob tan-nar ta' l-art (Fireworks Festival), kif ukoll ikun hemm ikel u xorb għall-pubbliku. Il-Kunsill ippropona numru ta' nies li jistgħu jgħinu f'din l-attivita' li huma Joe Galea, Mary Mifsud, John Camilleri u Ruben Cassar. Għandha tiġi ffissata ġurnata meta ser issir din l-attivita'. Żmien għall-applikazzjoni hemm sal-11 ta' Settembru 2009.

95 Is-Sindku ppropona li jsiru attivitajiet fuq skala ta' tlett tijiem fi 10 ta' Ottubru 2009 biex jiġi mfakkar Jum il-Vittmi tal-Gverra li mietu fil-10 ta' Otttubru 1942. Dawr din l-attivita' l-Kunsill għadd irid jieħu deċiżjoni.

**Item Il-Ħaddiema tal-Community Works Scheme**

96 Il-Kunsill irċieva l-lista ta' l-ismijiet tal-persuni li ser jiġu assenjati mal-Kunsill taħt l-iskema Xogħol fil-Komunita'. Dawn in-nies huma:

Emanuel Cini bħala cleaner
Joseph Farrugia bħala skrivan
Antoine Mercieca bħala cleaner
Claudio Cini bħala maintenance.

Dawn għandhom jibdew wara l-festa ta' Santa Marija.

SANNAT

## Item 6. Kommunikazzjoni mas-Sindku

97 Is-Sindku rċieva email mingħand is-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli, is-Sur Ian Borg bħala Sindku ta' din il-lokalita'. Hu f'isem il-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli stieden lil-Kunsill Lokali Sannat sabiex isir ġemellaġġ bejn iż-żewġ lokalitajiet. Hu qal li l-intenzjoni hi biex il-komunitajiet rispettivi mmexxija mill-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jaqsmu diversi opportunitajiet varji u flimkien jikkoperaw f'oqsma ta' ħidma komuni. Fost is-similaritajiet li wieħed isib bejn Ħad-Dingli u Sannat huwa l-fatt li huma l-għola żewġ postijiet għoljin fuq il-ġżejjer rispettivi, l-irdumijiet, is-siti magħrufa aħjar bħala Natura 2000 u raddi fil-blat. Wara li l-Kunsill id-diskuta din il-materja qabel li jsir dan il-ġemellaġġ ma' Ħad-Dingli u għandhom jiġu nfurmati dawr l-aċċettazjoni tal-Kunsill Lokali ta' Sannat.

## Item 7. Materja Oħra

98 Dwar il-madum għall-bini tal-uffiċċju tal-Kunsill, il-perit qed jgħid li dan mhux qed jaqbel u kellu jikteb lill-kuntrattur li pprovda dan il-madum. Fuq parir tal-perit il-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol ta' tqiegħid tal-madum għandu poġġi il-madum f'kamra biex jipprova jekk dan il-materjal hux tajjeb.

99 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li wasal iż-żmien li tinħareġ il-kwotazzjonijiet għat-transport ta' tfal ta' l-iskola u taċ-childminder. Il-Kunsill qabel li din tinħareġ sabiex ikun possibbli li jiġi deċiż kemm ser iħallsu l-ġenituri tat-tfal li ser jużaw it-transport ipprovdut mill-Kunsill wara nofsinhar mill-iskola primarja ta' wara l-bieb.

100 Vestru Farrugia talab biex il-bozza li hemm fi Triq Daħla taċ-Ċnus ma' Palazzo Margherita li ser titneħħa għaliex ser jitwaqqa dan il-bini, teħel iktar 'il fuq ma' arblu ta' dawl eżistenti. Il-Kunsill approva din it-talba.

101 Is-Sur George Azzopardi, Segretarju tal-Action Committee tal-Mġarr ix-Xini Regional Park, informa lill-Kunsill li nbeda x-xogħol ta' tindif mit-terrapien fejn twaqqa' l-ħajt ta' taħt it-triq ta' Mġarr ix-Xini. Il-kuntrattur li kien qed jagħmel it-tindif ġralu l-ħsara fil-gaffa u għandu kompli hekk kif ilesti t-tiswija tagħha. Il-Kunsill għandu jibni dan il-ħajt u l-parti l-oħra fejn twaqqgħet dan l-aħħar. Dan ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiem tal-*pooling* li għandhom jibdew wara l-festa ta' Santa Marija.

102 Il-patching ta' Triq Mġarr ix-Xini nbeda. Il-Kunsill qabel li jikteb lill-MTA, lill-Ministeru għal Għawdex u lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li jekk mhux ser issir xi ħaġa flimkien mhux ser ikun possibbli li din it-triq tingħata l-hot rolled asphalt mill-fondi tal-Kunsill. Il-perit għandu jiġi mitlub jagħmel rapport dwar l-istat ta' Triq Mġarr ix-Xini.

103 Is-Sindku ppropona li fil-Pjazza Santa Margherita jsir ipparkjar ta' vetturi żgħar biss. Dan għar-raġuni li waqt il-quddies tal-Ħadd mhux qed ikun hemm parking biżżejjed fil-pjazza u għandha tinstab soluzzjoni. Fil-fatt ġa hemm sinjali ta' parking bays fil-pjazza. Għandu jiġi vverifikat x'tip ta' kaxxi hemm fil-pjazza. Issemma li snin ilu l-Kunsill kien għamel *parking scheme* fil-pjazza li qatt ma ġiet attwata.

104 Is-Sindku talab li tinħariġlu email. Il-Kunsillier Teddie Bajada talab ukoll li tinħariġlu email.

**Item 8. Ilmenti**

105 Emanuel Curmi talab biex jinżabru s-siġar taż-Żebbug sabiex ma ssirx ħsara lil ħajt tas-sejjieħ li għandu fi Triq id-Daħla taċ-Ċnus.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

____________________________ ____________________________

Arthur Bajada — Philip Vella

Segretarju Eżekuttiv — Sindku